MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' April, 2017

Rikors Maħluf numru: 488/15LM

**Melvin Grech (K.I. 293979M)**

***vs.***

**Joseph Galea (K.I. 379390M) u b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2015 is-soċjetà Allcare Insurance Limited (C 58360) kienet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* u b'nota tat-22 ta' Ottubru, 2015 is-soċjetà Mapfre Middlesea plc (C 5553) assumiet l-atti tal-kawża minflok Allcare Insurance Limited**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Melvin Grech** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fil-21 ta' Mejju, 2015, li jgħid:

1. *Illi fis-27 ta' Novembru, 2013, waqt li l-esponenti kien qed isuq il-mutur numru ta' reġistrazzjoni GBM-573, safa mtajjar minn vettura misjuqa mill-intimat Joseph Galea, numru ta' reġistrazzjoni JBI-631.*

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti sofra danni inkluż ħsarat fil-mutur tiegħu, debilità permanenti, spejjeż mediċi u telf ta' qligħ.*

3. *Illi l-inċident inkwistjoni seħħ unikament tort tal-intimat, minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu.*

4. *Illi kif ser jirriżulta mill-provi, f'dan l-inċident l-esponenti sofra danni u ġrieħi ta' natura permanenti, kif ukoll telf ta' qligħ.*

5. *Illi għalkemm l-esponenti sejjaħ lill-intimat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-eventwali ħlas tad-danni kollha li sofra, huwa baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni li hi meħtieġa skont il-liġi,*

1. *Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Novembru, 2013;*

2. *Tiddikjara li b'riżultat tal-istess inċident, l-attur sofra danni, inkluż ħsarat fil-mutur tiegħu, telf ta' qligħ, spejjeż mediċi u danni riżultanti minn leżjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti;*

3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti, inkluż danni futuri, occorrendo permezz ta' periti nominandi għal dan l-iskop; u*

4. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 2015, u tal-ittra uffiċjali li qed tiġi ppreżentata kontestwalment ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2015 fejn il-konvenut **Joseph Galea** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") għad li kien debitament notifikat, naqas li jippreżenta risposta maħlufa entro t-terminu lilu mogħti mil-liġi u għalhekk ġie meqjus li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju, 2015 fejn **Allcare Insurance Limited** ġiet ammessa bħala intervenuta fil-kawża *in statu et terminis.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Allcare Insurance Limited** ippreżentata fil-31 ta' Lulju, 2015, maħlufa minn Simon Schembri in rappreżentanza tal-istess soċjetà, fejn ingħad:

1. *Illi r-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża odjerna mhijiex qed tiġi kkontestata;*
2. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid iġib l-aħjar prova tad-danni sofferti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tas-soċjetà **Mapfre Middlesea plc** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta fil-kawża"), ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2015 fejn assumiet l-atti tal-kawża minflok is-soċjetà Allcare Insurance Limited stante trasferiment ta' negozju bejn iż-żewġ soċjetajiet.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2016 fejn ġie nominat Mr Anthony Bernard, konsulent ortopediku bħala espert mediku biex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu ta' din il-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk, konsegwenza tal-istess inċident, l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Rat ir-rapport tal-espert mediku maħtur minn din il-Qorti, Mr Anthony Bernard[1] ippreżentat fid-29 ta' April, 2016.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-avukati difensuri tal-attur u tas-soċjetà intervenuta fil-kawża.

Rat illi għad li skont il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Frar, 2017 il-konvenut kontumaċi **Joseph Galea** ngħata l-fakultà li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa naqas milli jagħmel dan.

[1] *A fol.* 214 sa 219.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-attur u tas-soċjetà intervenuta fil-kawża waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-istitut tal-kontumacja jew kontumelja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni:

> "biex tissussisti l-kontumaċja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-atti trid tiġi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma" – (**Benny Zaffarese *nomine vs.* Maximillian Castagna *nomine***, Appell, 30 ta' Ġunju, 1997; **Costantino Abela *vs.* George Azzopardi**, Appell, 28 ta' Mejju, 1990). Minn dan jitnissel illi l-kontumaċja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza;
>
> Dan iwassal għal din ir-riflessjoni l-oħra. "Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni tal-abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda, imma, invece, għas-supposizzjoni ta' remissjoni għall-ġustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII, P. I, p. 545**). Fi kliem ieħor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacies omnia jura clamant*" (Ara **Kollez. Vol. XXI, P. II, p. 234**);
>
> Minn dan isegwi illi "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut" **Giuseppe Wismayer *vs.* Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (**Kollez. Vol. XXIX, P. III, p. 35**). *Una volta* li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi

għalihom" - **Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi *vs.* Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996."[2]

Illi barra minn hekk ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna illi:

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni" u "skont kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verità tal-fatti."[3]

Illi għaldaqstant fejn tissussisti l-kontumaċja bħal fil-kawża odjerna, l-attur għandu jipprova l-każ tiegħu daqslikieku l-konvenut ikkontesta l-kawża.

Illi fir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà intervenuta fil-kawża, Allcare Insurance Limited li sussegwentement assumiet l-atti minflokha Mapfre Middlesea plc, ma kkontestatx ir-responsabbilità għall-inċident.[4] Però f'dan l-istadju is-soċjetà intervenuta fil-kawża għadha mhijiex ssurrogata fid-drittijiet u obbligi tal-konvenut kontumaċi Joseph Galea, madankollu talbet li tintervjeni minħabba il-possibbiltà li hi tista' tiġi obbligata li tagħmel tajjeb għad-danni a tenur tal-Kap. 104 jekk il-konvenut jinstab responsabbli għall-inċident *de quo.* Għalhekk f'dan l-istadju s-soċjetà intervenuta fil-kawża ma tistax tiddeċiedi hi għall-konvenut kontumaċi.

[2] Appell Ċivili (Għawdex) fl-ismijiet **SMS Insurance Agency Limited *vs.* Irving & Co. Ltd.,** 07.07.2005.
[3] P.A., **Ruth Apap *vs.* Noel Apap**, 30.06.1995.
[4] Ara l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intervenuta fil-kawża.

## Provi u riżultanzi dwar ir-responsabbilità għall-inċident

Illi kwantu għal kif seħħ l-inċident tas-27 ta' Novembru, 2013 l-attur **Melvin Grech** xehed[5] illi waqt illi hu kien qed isuq l-mutur tiegħu Peugeot mudell Sum-Up bin-numru ta' reġistrazzjoni GBM 573 fi Triq Tal-Ibraġġ nieżel fid-direzzjoni tal-knisja tal-Ibraġġ hekk kif wasal f'kantuniera ma' Triq is-Siegħ, l-ewwel ħarġet riħ karozza Smart minn fuq *stop sign,* imbagħad ħareġ il-konvenut bil-karozza Skoda Octavia bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI 631 u daħal fil-ġenb tal-mutur tal-attur. Il-mutur spiċċa fuq in-naħa l-oħra tat-triq, filwaqt li l-attur spiċċa fuq il-bonnet tal-iSkoda u minn fuq il-bonnet tal-iSkoda għal mal-art. Din il-versjoni hija kkonfermata mir-rapport tal-Pulizija, mir-*road traffic accident insurance report*[6] u l-iskizz anness mar-rapport tal-Pulizija fejn il-vettura tal-konvenut tidher li kienet ħarġet minn fuq *stop sign,* qasmet in-nofs tal-karreġġjata li sejra 'il fuq u daħlet fit-trajettorja tal-karreġġjata fejn kien għaddej l-attur.

Illi ma jirriżultax mill-provi illi fil-mument tal-inċident mertu ta' din il-kawża l-attur kien għaddej bil-mutur tiegħu b'xi *speed* eċċessiv. Inoltre mill-ħsarat li ġarrab il-mutur tal-attur, jirriżulta li dan intlaqat mill-ġenb. Skont ir-rapport tal-Pulizija, u dan ikkonfermatu wkoll **WPC 245 Christina Delia**[7] li kienet preżenti fuq il-lok wara li seħħ l-inċident, il-konvenut

[5] *A fol.* 10 sa 12 tal-proċess.
[6] Esebit mill-attur *a fol.* 13 sa 19 tal-proċess. WPC 245 Christina Delia ppreżentat il-*full road traffic accident insurance report* li jinsab esebit *a fol.* 178 sa 186 tal-proċess.
[7] *A fol.* 176 u 177 tal-proċess.

Joseph Galea stqarr illi ħareġ mill-i*stop sign* u sab il-mutur tal-attur quddiemu u jgħid illi "lanqas rajtu, jien waqaft mill-ewwel," ovvjament wara li tajjar lill-attur minn fuq il-mutur tiegħu.

## Kunisderazzjonijiet ta' dritt dwar ir-responsabbilità għall-inċident

Illi fil-mument tal-inċident inkwistjoni, il-mutur tal-attur kien il-*main road user* u kellu d-dritt ta' preċedenza. Fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *vs.* Raymond Vella**[8] ntqal dan li ġej li hu ta' rilevanza għall-inċident mertu tal-kawża:

> "(i) B'abbraċċ tal-enunċjazzjoni fl-Appell Kriminali **The Police *vs.* Jack Morris**, 24 ta' Lulju, 1937, jingħad li "l-liġi tagħna ma tenunzja strettament ebda regola ta' kif għandhom jiġu kwalifikati '*major*' u '*minor road*'. In-nozzjoni ta' dina d-differenza hija relattiva, u '*the same road may be a major road with regard to a particular intersection with another road, and a minor road with regard to another intersection with a different road*'" - **John Mary Gauci *vs.* Victor Urry**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 7 ta' Mejju, 1966 (**Kollez. Vol. L, P. II, p, 194**);
>
> (ii) Fir-regolamenti ma hemmx definizzjoni speċjali ta' '*major*' u ta' '*minor road*', u triq hija *major* biss in relazzjoni għal dawk it-toroq l-oħra li jikkonverġu fuqha. Kwindi żewġ *minor roads* ta' importanza ugwali huma *major* in relazzjoni għal xulxin u b'hekk jibqgħu ugwali.
>
> Minn dan jidher li l-punt li jrid jiġi deċiż huwa jekk iż-żewġ toroq in kwestjoni humiex ta' importanza ugwali; dan, in bażi għall-wisgħa taż-żewġ toroq, il-volum tat-traffiku li jgħaddi minnhom u d-direzzjoni tagħhom" - **Lawrence Gauci *vs.* Michael Angelo Dimech**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 2 ta' Ġunju, 1966 (**Kollez. Vol. L P II p 259**);

[8] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 22.06.2005(PS).

(iii) "Tali apprezzament għandu jsir l-aktar, jekk mhux esklussivament proprju fil-każijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relativa tat-toroq għaliex altrimenti wieħed irid jobdi d-direttivi mogħtija" - **Patrick Boffa *vs.* Olga Mifsud** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru, 1993."

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina għandu jkun ovvju li ġaladarba fi Triq is-Siegħ transitata mill-konvenut kien hemm *stop sign,* it-triq l-oħra, Triq Tal-Ibraġġ li minnha kien qed isuq l-attur bil-mutur għandha tiġi kkunsidrata l-*major road* għal Triq is-Siegħ f'dak inkroċju. Għalhekk is-sewwieq tal-mutur kellu l-preċedenza u allura skont ġurisprudenza konkordi, il-konvenut kellu:

"l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road*, u għandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma joħroġ fiha u għandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u saħansitra jwaqqaf sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara."[9]

Illi jiġi hawn preċiżat ukoll illi:

"min ikun ħiereġ minn *side street* għal *main road* għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf għal kollox jew joħroġ *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* għandu juża grad ta' diliġenza l-iżjed għolja u viġilanza l-iżjed qawwija, billi għandu d-dmir iċedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq prinċipali, għax il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha."[10]

[9] **Il-Pulizija *vs.* Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru, 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII, P. IV, p. 1137**); **Joseph Rizzo *vs.* Paul Micallef**, Appell Ċivili, 6 ta' Diċembru, 1974.

[10] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 22.06.2005.

Illi fis-sentenza suċitata **GasanMamo Insurance Limited *vs.* Raymond Vella**[11] jingħad ukoll illli:

> "Minn dawn il-prinċipji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel ċertament il-preżunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli għall-inċident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jiġi kwalifikat bħala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jġib prova adegwata li l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet għal kollox jew in parti dovuta għan-negliġenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jagħmel dan, il-*main road user* jibqa' sostenut mill-preċitata presunzjoni. Ara **Cecil Ellul *vs.* Joseph Muscat**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999."

Illi fil-kawża odjerna l-konvenut baqa' kontumaċi u għalhekk ma ġab ebda prova kuntrarja għall-imsemmija preżunzjoni *juris tantum*. Anzi mill-okkorrenza tal-Pulizija jirriżulta illi l-konvenut lanqas biss ra l-mutur tal-attur ħlief meta sabu quddiemu u tajru, li loġikament ifisser li l-konvenut ma kienx qed iżomm *a proper look-out* tant li għad li kien fuq *stop sign* dan qabad u ħareġ wara l-karozza ta' qablu, l-iSmart msemmija mill-attur, u b'hekk spiċċa daħal fl-attur.

Fl-okkorrenza u fl-iskizz tal-Pulizija jingħad li l-attur bħala "*vehicle manoeuvre"* kien qiegħed *"straight ahead – driving straight downwards from Halland Hotel towards Ibraġġ church,* filwaqt li kwantu għall-konvenut bħala *"vehicle manoeuvre"* jingħad illi dan kien qiegħed "*turning right – going out from Triq is-Siegħ towards Triq Tal-Ibraġġ."*

[11] *Ibid.*

Illi kif jgħid il-**Gibb**[12] *"The Trial of Motor Car Accident Cases" (paġna 85):*

> *"A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching … thus making it impossible for the driver of the other vehicle to avoid a collision. The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care... ."*

Illi għalhekk m'hemmx dubju li l-appellant kellu l-obbligu li qabel ma jibda jdur lejn il-lemin jaċċerta ruħu li seta' jagħmel dan "*with a good margin of safety*" u li bl-ebda mod ma jfixkel il-passaġġ tal-motoċiklista Melvin Grech.

Illi kif intqal fis-sentenza **Anthony u Melita konjuġi Portelli *vs.* John Cutajar**[13]:

> "O.C. MAZENGARB fil-monografija tiegħu *"Negligence on the Highway" jgħid* appropożitu li :-
>
> > *"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which requires a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course … In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has reasonable grounds, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

---

[12] Andrew Dewar Gibb and Ralph Millner, Sweet & Maxwell, London, 1947.
[13] P.A., 16 ta' Settembru, 2011.

Kif ġie wkoll ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija *vs.* Francis Schembri** (26.6.1968) :-

> "Hawn ħafna *drivers* li jaħsbu illi meta jkunu ser jaqsmu għal fuq il-lemin tat-triq, biżżejjed li jagħtu sinjal u li b'hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa żball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal għall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-*driver* li jaqsam it-triq; iżda dan mhux biżżejjed. Biex hu jista' jaqsam, ikun hemm bżonn illi driver jaċċerta ruħu illi bil-qasma tiegħu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku ieħor li jkun hemm fl-istess triq fuq iż-żewġ direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruħu b'dan, id-*driver* ikun intitolat li jaqsam it-triq."

Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu minn dan hija billi jeżerċita *"a proper lookout*" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet. Illi ġie ukoll ritenut li hu dover ta' driver *"to see what is in plain view"* (App. Krim. **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella** [10.8.1963]) u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *"a proper lookout"* (App. Krim. **Il-Pulizija *vs.* J. M. Laferla** [17.6.1961]."

Illi lanqas ma kien hemm attenzjoni minima min-naħa tal-konvenut, għax kif stqarr l-istess konvenut li l-mutur tal-mutur sabu quddiemu, ifisser negliġenza assoluta da parti tal-konvenut li ċertament hu responsabbli mingħajr ebda kontributorjetà min-naħa tal-attur.

## Provi u riżultanzi rigward id-danni sofferti - *damnum emergens*

Għar-rigward tad-danni li diġà sofra (*damnum emergens),* l-attur **Melvin Grech** ippreżenta provi inkonfutabbli sorretti minn irċevuti u

dokumentazzjoni rigward spejjeż ta' *towing*[14], kanċellament tal-liċenzja tal-mutur[15], għall-kopja tar-rapport tal-Pulizija, għal CD tar-rapporti u tal-*iscans* u kopji ta' dokumenti[16], konsultazzjoni ta' tabib[17] u ta' konsulent privat[18], kif ukoll servizzi ta' fiżjoterapista[19] u dan għal total ta' €2,300.28. L-attur ta wkoll spjegazzjoni preċisa sostnuta wkoll b'irċevuti u dokumentazzjoni dwar kemm kien xtara l-mutur, ċjoè €1,833.29[20], mutur li kellu fuqu 8,500 km[21], li rriżulta li kien *total loss* wara l-inċident.

L-attur ta wkoll rendikont tal-ġranet li kellu jieħu bħala *sick leave* minħabba l-inċident u tar-rifużjoni li ngħata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta' €1,127.16 bħala benefiċċju tal-mard[22] bħala *self-employed*.

Fix-xhieda tiegħu l-attur stqarr kif fiż-żmien tal-inċident huwa kien jaħdem bħala *self employed* bħala *reefer clerk* fejn kien jingħata xogħol mill-Koperattiva Koptafreeze Ltd.  Huwa spjega li x-xogħol tiegħu kien ta' strapazz kbir peress li jkollu jitla' ħafna slielen twal, iqandel wires tqal tat-3-*phase* u anki jiġġebbed 'il barra mill-istrutturi li jkun tela' magħhom bil-wire tat-*3-phase* biex ipoġġi l-imsemmi wires f'posthom.

[14] *A fol.* 24.
[15] *A fol.* 27.
[16] *A fol.* 28.
[17] *A fol.* 55.
[18] *A fol.* 29.
[19] *A fol.* 28.
[20] *A fol.* 25.
[21] *A fol.* 26.
[22] *A fol.* 56 sa 67.

Fix-xhieda tiegħu l-attur[23] jispjega kemm kien l-introjtu tiegħu mir-*returns* tat-taxxa fuq l-*income* u juri kemm effettivament tilef qligħ fit-2013 u 2014 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, ċjoè total ta' €12,067.73, li wara li jitnaqqas minnu l-benefiċċju tal-mard imħallas mid-DSS(€1,127.16), iwassal għas-somma ta' €10,940.57, li magħduda mal-ammont ta' spejjeż fuq imsemmija ta' €2,300.28, iġib is-somma totali ta' €13,240.85.

Illi mill-kontroeżami tal-attur[24], jirriżulta illi meta l-attur kien qiegħed fuq *sick leave,* kien għamel perjodu ta' tliet ġimgħat volontarjat barra minn Malta. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' **Mark Tonna**, President tal-Koperattiva Koptafreeze Ltd.,[25] li l-membri tal-Koperattiva bħall-attur, kienu *self-employed* u jaqalgħu mill-profitti tal-kumpannija skont il-perċentwal ta' xogħol li huma jagħmlu. Meta membru tal-Koperattiva jkun fuq *sick leave* jieħu postu membru ieħor u sakemm dak il-membru jdum marid ma jipparteċipax fil-qligħ tal-Koperattiva u s-sehem li kien jieħu mill-qligħ dak il-membru li kieku ma kienx marid jiżdied ma' ta' dak li jkun daħal jaħdem minfloku.

Illi mix-xhieda ta' **Matthew Micallef**, rappreżentant tas-soċjetà intervenuta fil-kawża, li esebixxa r-rapport tas-*surveyor*[26], jirriżulta li fid-data eżatt qabel l-inċident inkwistjoni, il-mutur kellu valur ta' €1,400 u

[23] *A fol.* 151 u 152.
[24] *A fol.* 198 u 199.
[25] *A fol.* 212 u 213.
[26] *A fol.* 203 sa 207.

wara l-inċident €300 bħala *wreck value*. Għaldaqstant is-soċjetà intervenuta fil-kawża tikkontendi li għandu jittieħed l-valur tal-mutur fid-data tal-inċident u mhux ta' meta nxtara u ladarba r-*wreck* tal-mutur inżamm mill-attur, għandu jitnaqqas ukoll mis-somma mitluba mill-attur il-valur tal-mutur wara l-inċident (*wreck value*) ta' €300. Il-Qorti taqbel għalhekk li għandha titnaqqas is-somma ta' €733.29 mis-somma mitluba mill-attur bħala *damnum emergens*.

Illi barra minn hekk is-soċjetà intervenuta fil-kawża qiegħda tikkontendi wkoll li għandu jitnaqqas mis-somma mitluba mill-attur bħala *damnum emergens*, il-paga għat-tliet ġimgħat li l-attur għamel barra minn Malta fuq ħidma volontarja, u dan abbażi li ladarba dawn it-tliet ġimgħat għamilhom volontarjat, jiflaħ jew ma jiflaħx jaħdem, xorta ma kienx ser jidħol għax-xogħol ladarba għażel li jagħmel ħidma volontarja u għalhekk ma kienx ser jipparteċipa fil-qligħ tal-kumpannija. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament għax huwa bbażat fuq konġettura li ma ġietx ippruvata mis-soċjetà intervenuta fil-kawża. Fuq kollox din il-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[27], li min jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti dan, kif

[27] **Dr H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe*** *vs.* **Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.

ingħad fit-trattazzjoni finali, l-attur kieku kien jiflaħ, dejjem seta' jagħmel *change of shift* u jirranġa x-xiftijiet tiegħu ma' ħaddieħor.

Għaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tnaqqas in-nuqqas ta' qligħ għall-imsemmija tliet ġimghat mill-ammont pretiż mill-attur bħala *damnum emergens* u qed tnaqqas biss l-ammont fuq imsemmi ta' €733.29 u tqis għalhekk illi l-attur kellu bħala *damnum emrgens* is-somma ta' **€12,507.56**.

**<u>Provi u riżultanzi rigward telf ta' qligħ – *lucrum cessans*</u>**

Illi mill-provi mressqa mill-attur jirriżulta li l-attur twieled fis-6 ta' Lulju, 1979[28], u għalhekk jekk jiġi eskluż it-telf ta' qligħ li ġarrab l-attur fis-snin 2013 u 2014 konsegwenza tal-inċident meta ma daħalx għax-xogħol minħabba l-uġigħ f'dahru, liema telf ta' qligħ se jitħallas tiegħu bħala *damnum emergens*, li huwa rilevanti għall-fini ta' *lucrum cessans* huwa li fit-2015 kellu 35 sena.

Illi l-attur ressaq bħala prova rapport mediku li kien sar mill-kirurgu ortopediku Mr Alec Sultana fl-24 ta' Ġunju, 2014 (inqas minn seba' xhur wara l-inċident) u dan fuq inkarigu mill-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri

[28] Karta tal-identità tal-attur *a fol.* 193 tal-proċess.

kriminali li kienu nfetħu kontra l-konvenut odjern.[29] Jirriżulta minn dan ir-rapport li l-attur kien sofra fratturi tat-tielet u r-raba' *transvers process* tal-irkiekel tal-*lumbar spine* u l-espert jasal għal konklużjoni illi l-attur għandu diżabilità permanenti kawża tal-inċident mertu tal-kawża ta' għaxra fil-mija (10%). Madankollu permezz ta' nota konġuntiva ppreżentata fil-11 ta' Marzu, 2016[30] il-partijiet f'din il-kawża qablu fuq il-ħtieġa li f'din il-kawża jiġi maħtur espert mediku u għal dan l-iskop il-Qorti ħatret lill-kirurgu ortopediku Mr Anthony Bernard biex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu ta' din il-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-attur, liema rapport sar fit-23 ta' April, 2016[31], kważi sentejn wara r-rapport ta' Mr Alec Sultana.

Illi mir-rapport ta' Mr Anthony Bernard jirriżulta wkoll mill-x-*rays* meħuda fis-27 ta' Novembru, 2013 li l-attur ġarrab ksur tat-tielet u r-raba' *transvers process* tal-irkiekel tal-*lumbar spine* u possibiliment anki tat-tieni. Kwantu għall-istat attwali ta' saħħa tal-attur kif jirriżulta mill-eżamijiet li għamel, Mr Bernard jasal għall-konklużjoni li l-attur illum għandu diżabilità permanenti konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża ta' ħamsa fil-mija (5%).

Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi li hu ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-abbli konsulent Mr Bernard u stieden lil din l-Qorti sabiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-istess espert favur dawk tal-konsulent

[29] Kopja tar-rapport jinsab *a fol.* 30 sa 33 tal-proċess.
[30] *A fol.* 187.
[31] *A fol.* 214 sa 219 tal-proċess.

Mr Alec Sultana. L-attur jikkontendi illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Falzon *vs.* Construct Furniture Limited**,[32] għalkemm il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti ta' espert tekniku nominat mill-Qorti jikkostitwixxu skont il-liġi provi ta' fatt li għandhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti, il-Qorti mhijiex obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li tiskartah, kif tista' tiskarta kull prova oħra. L-attur ikompli jgħid li dan għandu jseħħ fejn, hekk bħal fil-każ in eżami, jkunu jeżistu dawk il-fatturi li jġibu lill-Qorti f'dubju raġjonevoli dwar kemm huma attendibbli l-konklużjonijiet tal-espert nominat mill-Qorti. Fil-fatt r-relazzjoni ta' espert tibqa' tgawdi l-kwalità ta' prova sakemm ma tiġix ikkonstestata jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għaliha jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruha bħala prova inattendibbli.[33]

Illi l-attur isostni illi għalhekk għalkemm il-Qorti ma għandhiex leġġerment u kapriċċożament tinjora l-prova miġjuba permezz tar-rapport imħejji mill-konsulent Mr Bernard,[34] dan għandha tagħmlu fejn il-konvinzjoni kuntrarja tagħha "tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami".[35] Hekk ġie mfisser l-Artikolu 681 tal-Kap.

---

[32] P.A., 07.12.2006.

[33] **Champalin Company Limited *vs.* Debono *et.***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 ta' Marzu, 2004.

[34] **John Saliba *vs.* Joseph Farrugia**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja *noe. vs.* John Mifsud**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Novembru 2001.

[35] **Philip Grima *vs.* Carmelo Mamo *et. noe.,*** Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 1998.

12, anki f'sentenzi riċensjuri ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta.[36]

Illi ġie sottomess ukoll mill-attur li fejn il-motivazzjoni tal-Qorti sabiex tiskarta relazzjoni teknika tkun imbagħad anki msaħħa minn ġudizzju infurmat mil-lat tekniku, bħal pereżempju fejn ikun hemm konklużjoni diverġenti da parti ta' esperti oħra in materja (hekk bħal fil-każ in eżami), il-Qorti m'għandha ssib l-ebda problema tinjora r-relazzjoni tal-espert.[37]

Intqal fl-aħħar li l-attur iħossu li l-konsulent Mr Bernard ma ħax konjizzjoni suffiċjenti ta' dak li jinvolvi x-xogħol ta' *reefer clerk*, ossia x-xogħol tal-esponent. Fil-fatt jiġi rilevat li l-konsulent Bernard għamel biss referenza *en passant* dwar xogħol l-esponent b'dan li ma tax piż xieraq lin-natura ta' dan ix-xogħol u, konsegwentement, lejn in-ness li jeżisti bejn id-diżabilità li sofra l-esponent u kif dan ser jaffettwa x-xogħol tiegħu.

Min-naħa l-oħra s-soċjetà intervenuta fil-kawża qalet li kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-9 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet **Benjamin Camilleri *et. vs.* Charles Debattista *et***:

> "Bħala regola hu ormai stabbilit anke fil-ġurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat għaliex dik, kif ingħad, tikkostitwixxi element ta' prova importanti jekk mhux determinant li kellu jifforma l-ġudizzju tal-ġudikant."

[36] **John Grech *vs.* Anthony Grech**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' April, 2013.
[37] **Anthony Cauchi *vs.* Carmel *sive* Charles Mercieca**, Qorti tal-Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

Is-soċjetà intervenuta fil-kawża tgħid ukoll li l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza datata t-30 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet **Geswalda Caruana *vs.* Francis Xerri** stqarret ukoll illi: *"il-giudizio dell'arte* kif espress mill-perit tekniku m'għandux jiġi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġjonevoli."

Hekk ukoll intqal fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza datata l-25 ta' Settembru, 2003 fl-ismijiet **Paul Grech *et. vs.* Lawrence u Joan konjuġi Grech**:

> "…Fehmiet [tal-periti] bħal dawk m'għandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet għall-ħatra ta' periti addizzjonali, tiġi mwarrba kif ġieb u laħaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfaċentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli".

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-ġurisprudenza li għamlu riferiment għaliha il-partijiet, però wieħed irid jaraha fil-kuntest preżenti. Il-Qorti ma tarax xi diverġenza fir-rapporti taż-żewġ konsulenti mediċi, anzi l-ewwel rapport effettivament ġie ikkumplimentat bit-tieni rapport li jirrelata dwar l-istat attwali ta' saħħa tal-attur wara sentejn mill-inċident inkwistjoni. Jirriżulta illi l-kirurgu Mr Anthony Bernard fehem sewwa s-sitwazzjoni, sema' l-ilmenti tal-attur bir-reqqa u kkonkluda bħala espert mediku, fid-dawl ta' dak illi sab attwalment dwar il-kapaċitajiet u diffikultajiet tal-istess attur.

Illi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni gravi u serja, anzi l-ebda raġuni ta' xejn, biex ma toqgħodx fuq il-konklużjonijiet mediċi ta' Mr Bernard, aktar u aktar meta l-attur ma kkontestax dan ir-rapport la bl-eskussjoni tal-espert mediku biex jikkjarifika l-ilmenti tiegħu dwar dan ir-rapport u lanqas billi talab l-ħatra ta' periti perizjuri.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali tal-attur is-somma ta' €27,420.10 li kienet l-aħħar introjtu ta' sena sħiħa l-aktar viċin ta' meta seħħ l-inċident inkwistjoni u li ż-żewġ partijiet użaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom bħala l-bażi tal-introjtu tal-attur.

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perjodu ta' tletin (30) sena, tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-popolazzjoni Maltija żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*, inkluż l-għoli fil-pagi fil-ġejjieni.

Il-komputazzjoni tat-telf għandha ssir b'dan il-mod: €27,420.10 x 30 x 5% = €41,130.15. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20% u din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tvarja dan il-perċentwal f'dan il-każ.

Għaldaqstant l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* huwa ta' **€32,904.12.**

B'kollox l-attur sofra danni ta' **€12,507.56** bħala *damnum emergens* u **€32,904.12** bħala *lucrum cessans,* total ta' **€45,411.68.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara lill-konvenut Joseph Galea unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Novembru, 2013 fi Triq Tal-Ibraġġ, Swieqi, fejn safa mtajjar l-attur li kien qed isuq mutur, u dan minħabba nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku min-naħa tal-konvenut Joseph Galea;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, erba' mija u ħdax-il euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€45,411.68);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-attur fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, erba' mija u ħdax-il euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€45,411.68);**

**Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, kontra l-konvenut.**

Moqrija.